MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Numru 164/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Vs**

Marvin Vassallo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Marvin Vassallo ta' karta numru ta' identita' 309179(M), akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar, 2004 rispettivament fil-lokalita' ta' B'Kara bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu liema delitt huwa aggravat, bil-mezz, bil-hin u bix-

xorta tal-haga misruqa. Dan kollu bi ksur tal-Artikoli 41(1a) 263, 270 u 271(g) rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew zamm fuqu strument bil-ponta u li jaqta' minghajr ma kellu permess mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni hu baqa jsostni anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li l-akkuzi kontra l-imputat jirrigwardaw l-attentat ta' serq u wkoll li garr strument bil-ponta u li jaqta' minghajr ma kellu permess mahrug mill-Kummisarju tal-Pulizija.

Illi l-imputat ammetta volontarjament u nkondizjonatament l-akkuzi kontrih dedotti.

Fuq din l-ammissjoni l-Qorti qeghdha ssibu hati tal-akkuzi u wara li rat kemm il-fedina penali tieghu u l-Artikolu 41(a), 263, 270, 271(g), 278(1)(2) tal-Kap 9 u l-Artikolu 13 tal-Kap 66 qeghdha fic-cirkostanzi tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------